**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (34)

Illum se nlaqqagħkom ma' Charles Ghiller (li miet ftit tax-xhur ilu), qaddief mill-Isla li fl-aħħar tas-snin 70 qadef ukoll ma' Marsamxett Valletta, u li matul il-karriera tiegħu bħala qaddief kiseb bosta suċċessi. Lil Charlie Ghiller għamiltlu din l-intervista fuq Radju Kottoner, fejn fiha jitkellem fuq is-sehem tiegħu f'dawn it-tiġrijet tradizzjonali kif ukoll dwar ir-Regatta fiż-żmienu.



Id-dgħajsa ta' Marsamxett bl-aħwa Victor u Charlie Ghiller tidher f'waħda mill-fażijiet tat-tiġrija fl-edizzjoni 1977

L-ewwel mistoqsija tiegħi kienet dwar il-familja tiegħu li kif nafu, diversi membri tagħha kienu wkoll qaddiefa fid-dgħajjes tal-Isla.

"Jien ġej minn razza tal-barklori, u li xi wħud minnhom kienu qaddiefa tal-Isla. Li niftakar jien, Salvu Formosa (il-Pasalv ix-xiħ) ħu nannti, ibnu Salvu , missieri, zijuwi ħu missieri, jien u warajha ħuti Victor, Sammy u l-kuġin tiegħi Pawlu, kollha tajna s-sehem tagħna biex l-Isla tikseb suċċess fir-Regatta.

"Ironikament, ħadd mittfal tiegħi ma ħareġ qaddief iżda dilettanti kbar tar-Regatta. Jien bdejt naqdef fl-1963 fil-Kajjikk tal-Isla ma' Koro - ħu missieri, u rbaħna l-palju. Konna għaddejna lil Kalkara meta dan id-distrett kien fl-aqwa tiegħu. B'din ir-rebħa jien ksibt posti fir-Regatta. Ħija, Victor li beda jaqdef wara, bdejt naqdef miegħu f'ta' bi Tnejn, imbagħad aktar tard niżel ukoll ħija Sammy.

*X'taħseb li hi r-raġuni li uliedek ma tħajruh qatt jieħdu sehem fir-Regatta?*

"Għax id-distretti daqqa fil-wiċċ u daqqa minn taħt …. tgħidli x'jiġifieri?

"Ħalli nsemmu lil Marsamxett. Sena ilu kienu fil-qiegħ ... u din is-sena qegħdin fil-wiċċ. Jien nemmen li din is-sena Marsamxett se jirbħu r-Regatta, u allaħares ifallu.

"Jien wara l-Isla nissapportja lilhom għax kont naqdef magħhom. Il-qdif sabiħ, iżda fih ħafna sagrifiċċji, u sfortunatament ħafna nies ma japprezzawhx … jekk tirbaħ ifaħħruk, jekk titlef mhux biss imaqdruk iżda wkoll joffenduk bla ma jkunu jafuk … mhux sewwa! Jien illum m'għadnix naqdef, u kważi kuljum, flimkien mal-mara u t-tifla, ninżel nistad it-Toqba tal-Birgu.

"Ma mmurx hemm biex nara kif sejrin tal-Birgu jew tal-Kalkara, iżda sempliċiment biex ngħaddi siegħa żmien fil-kwiet mal-familja. Meta kont nosserva xi dgħajsa tal-Birgu mhux armata tajjeb, pruwata, immejla jew poppata kont immur ngħidilhom biex jirrangawha … hekk titlob l-irġulija.

"Anke meta kont nara lil Bormla – kif taf silfi, Ġużi, kien jaqdef ma' Bormla … meta kont nosserva li d-dgħajsa ma tkunx armata tajjeb kont ngħidlu … anke jekk fil-fehma tiegħi jkun hemm xi qaddief ma jogħġobnix kont ngħidlu … jien dejjem xtaqt li l-affarijiet ikunu sewwa ….

*Missierek, Ġanni Ghiller, kien membru tal-ekwipaġġ li rebaħ il-palju tad-dgħajjes tal-Midalji għal seba' snin konsekuttivi … x'taf tgħidli dwar missierek?*

"Missieri kien barklor, u jien ta' età żgħira, meta kelli 16-il sena, kont immur ngħinu fid-dgħajsa … missieri kien barklor tal-moqdief - dak iż-żmien ma kienx jeżisti l-mutur u l-barklor kien juża l-imqadef il-ħin kollu. Ma' missieri kienu jaqdfu l-barklori, Charlie Abela (il-Bormliż), Wenzu Schembri ( it-Tobi) u Louis Mallia, li minkejja ma kienx barklor kien jaqdef fil-Wejla ta' Sant' Anġlu.

"Kienu ekwipaġġ tajjeb ħafna! Għandi nisma' lil missieri jgħid li darba kienu tawhom qadfa tajba l-Marsa, u xorta waħda kienu għaddewhom b'tul ta' xi nofs dgħajsa - dawn kienu qaddiefa tal-moqdief kif kienu diversi qaddiefa oħra ta' żmienhom, bħal Toni Farrugia (Żbiba) li kien b'saħħtu ħafna, Salvu Formosa (Pasalv) , Leli Micallef (Nanna Klara) li kien irmiġġier mill-kbar.

"Jgħidu li l-qaddiefa ta' dak iż-żmien, u ta' qabel il-gwerra kienu dejjem jaqdfu mad-distrett tagħhom, iżda mhux dejjem - Wenzu Schembri (it-Tobi) minkejja li kien mill-Birgu kien jaqdef mal-Isla, l-ewwelnett għax kien ilu snin joqgħod l-Isla u t-tfal tiegħu kienu twieldu hemm ukoll.

"Dak iż-żmien il-Birgu kienu fl-aqwa tagħhom , kellhom qaddiefa tajbin ħafna fosthom kien hemm Schembrijiet kollha li kienu kuġini ta' Wenzu … fil-fatt il-mara ta' Ġużeppi l-Bakkus tiġi minni. Jien naħseb li fis-snin 50 u 60 ir-Regatta Nazzjonali kienet fl-aqwa tagħha - żminijiet li ma ninsihom qatt!"

*Qegħdin nitkellmu dwar is-snin ħamsin – taf tgħidilna kemm kien il-premju tal-flus għal minn kien jidħol l-ewwel f'tal-Midalji?*

"Kienu Lm 6 għal kull qaddief, dejjem jekk id-dgħajsa tidħol l-ewwel. Minn dan il-premju miżeru, kull qaddief kien jagħti lira u nofs bħala donazzjoni biex titħallas il-kera, naħseb tal-maħzen nofs Kenur li hemm il-Ponta taħt il-mina tal-Portu Salvu, fejn hemm il-ground illum.

"Wara dak is-sagrifiċċju kollu, f'idejhom kien jibqagħlhom Lm4.50. Fil-fatt għalhekk kienu jissieltu biex jirbħu l-palju. Dawn il-qaddiefa kienu jħobbu lill-pajjiżhom, u r-Regatta kienet għal qalbhom."

*Meta bdejt taqdef? Kien hemm xi ħadd li ħajrek tibda taqdef jew kienet ix-xewqa tiegħek li ssir qaddief bħal missierek?*

"Dik tkun f'demmek! Jekk tmur fid-dar fejn kienet toqgħod ommi, illum joqgħod ħija, fl-intrata ħlief ritratti tad-dgħajjes tal-Midalji, u midalji mdendlin mal-inkwatri ma tarax.

"Mingħajr ma trid, iġġibda għall-qdif tidħol fik – il-ġenerazzjonijiet ta' qabli kollha kienu qaddiefa, ibda mill-bużnannu, in-nannu u missieri kollha kienu qaddiefa li taw sehmhom fid-dgħajjes tal-Isla … kif għedtlek, jien bdjet naqdef ma' missieri. Fil-fatt, ta' 16-il sena jien kont diġá naqdef… impossibbli ma toħroġx qaddief!

"Niftakar, jien kelli permess mis-sur Borg, biex immur l-iskola nofs siegħa tard, biex b'hekk ikun nista' nwassal lil missieri li kien jaħdem il-Power Station – kien jagħmel vjaġġ bi tmienja minn nies mill-Ponta sal-Power Station, imbagħad niġi lura waħdi, u dan il-permess kien estiż ukoll għal wara nofs n-nhar fejn kont nitlaq mill-iskola nofs siegħa qabel il-ħruġ tat-tfal l-oħra biex immur għal missieri u nġibhom lura.

"Dak iż-żmien il-Lanċa tal-Pass kienet sold ... kull persuna li konna nieħdu kienu jħallsu *sixpence* fil-ġimgħa."

*X'kienet l-atmosfera tar-Regatta meta bdejt taqdef int? Jien nimmaġina li int bdejt mal-Isla u wara mort ma' Marsamxett/Valletta?*

"Fl-1963 bdejt naqdef fil-Kajjikk ma' Koro. Fl-1964 qdift ma' Willie s-Suss u ħadt l-ewwel fil-Frejgatina, fis-1965.

"Missieri li kellu 56 sena xtaq li jaqdef miegħi fil-Kajjikk - kien għadu kemm ġej minn operazzjoni… dak in-nhar konna fuq quddiem - kien taħ ħassħażin meta wasalna ħdejn il-baga numru 8). Kienu tawh l-ossiġnu!

"Fl-1966 jien qdift ma' Toni Farrugia ż-Żbiba – tgħallimt ħafna miegħu, u konna dħalna fit-tieni post.

"Kont qdift xi sentejn ma' Toni, imbagħad qdift ma' Leli Micallef (Nanna Klara), wara ma' Charlie l-Laħam, ... imbagħad ma' ħija Victor li fil-fehma tiegħi kien l-aħjar irmiġġier ta' żmienu … insomma l-Isla f'kull żmien kellna rmiġġiera tajba, iżda Victor kien wieħed mill-aqwa. Fl-1976/77 jien u ħija morna naqdfu ma' Marsamxett….